# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tal-lum il-Erbgha, 30 ta' Mejju 2018**

**Rikors Kostituzzjonali Numru : 52/2018/LSO**

**Fl-Atti tar-Rikors Numru 52/2018 fl-ismijiet:**

**Alfred Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Dan huwa provvediment li qed jinghata wara talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tagħhom tas-28 ta' Mejju 2018, li bih u għar-raġunijiet

minnhom hemm imfissra, talbu li din il-Qorti kif presjeduta tirrikuża ruħha milli tkompli tisma’ din il-kawża.

Illi r-rikorrent ressaq din it-talba fid-dawl ta’ xi konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fi provvediment mogħti minnha fil-21 ta' Mejju 2018, talba li kienet saret mill-istess rikorrent b'rikors tal-11 ta' Mejju 2018 fejn talab il-hrug ta' Interim Measure sabiex din il-Qorti tordna illi l-ufficjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) ma jixhdux fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa hemm pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et**" sakemm jigi deciz ir-rikors kostituzzjonali fil-mertu.

Illi l-Avukat Generali u l-intervenuti fil-kawza opponew ghat-talba ghar-ragunijiet li gew trattati *seduta stante* fis-seduta tallum stess.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri kollha tal-partijiet f'dik is-seduta u pposponiet ir-rikors ghad-digriet ghas-siegha ta' wara nofsinhar.

**Ikkunsidrat**

Illi t-talba odjerna hija mibnija fuq l-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi ghar-rikuza ta' gudikant jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha. Il-lanjanza tar-rikorrent johrog minn silitiet li hu ccita mid-digriet ta' din il-Qorti fuq imsemmi.

Qabel xejn il-Qorti tippreciza li r-raġunijiet li għalihom ġudikant jista’ jiġi rikużat milli jkompli jisma’ kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[1] izda, f’każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu

[1] Art 733 tal-Kap 12

bħala xierqa u f'posthom ("*conveniente*") tali astensjoni jew rikuża[2]. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[3] u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[4]. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali[5].

Inoltre l-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, <u>u mhux fl-astratt,</u> jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma *"justice must not only be done but must be seen to be done*" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari." [PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et** - 1/11/96; ara wkoll **E. T. Rev. Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe et** - 22/10/1984 Kost).

Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.[6] U l-fatt waħdu li l-liġi nnifisha tagħti lil dak il-ġudikant is-setgħa li jqis jekk għandux jilqa' jew le talba biex jastjeni mis-smigħ ta' kawża ma ġġibx lil dak il-ġudikant daqslikieku sar waħda mill-partijiet fil-kawża.

Illi l-Qorti tagħraf ukoll li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta' ġudikant ma tkunx taqa' taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-ġudikant li jkun ma jibqax jisma' kawża u dan biex

---

[2] Ara, per eżempju, Kost. **18.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ċiappara) vs Joseph Lebrun***
[3] P.A. GV **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gambina vs Fithome Ltd***
[4] Kost. **27.9.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.i.40**)
[5] P.A. (Kost.) VDG **6.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)
[6] Kost. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Depasquale vs Avukat Ġenerali***

jitħares tabilħaqq il-jedd ta' smigħ xieraq ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża li jkun hemm quddiemha[7];

Il-principji applikati huma ormai pacifici wkoll fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Fil-kaz **Hauschildt vs Denmark** (1989) il-Qorti fissret ir-rekwiziti hekk:

*"46. The existence of impartiality for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, amongst other authorities, the **De Cubber** judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14, para. 24)."*

Illi ghal dak li jirrigwarda xi allegat pregudizzju soggettiva da parti ta' din il-Qorti, dan gie mwarrab minnufih mir-rikorrent tramite d-difensur tieghu. Effettivament jigi senjalat li ghal din il-Qorti hu dmir ta' gudikant li jiddeciedi kawza u mhux xi vantagg jew privilegg.[8]

Ghal dak li jirrigwarda t-test oggettiv, gie ritenut li *" in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive (see the **Piersack judgment** of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 16, para. 31). What is decisive is whether this fear can be held objectively justified."* (**Hauschildt vs Denmark) (**Ara wkoll ***Wettstein,*** *cited above, § 44, and* ***Ferrantelli and Santangelo v. Italy****, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*

---

[7] Ara b'eżempju, P.A. (Kost.) MCH **28.4.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Grech et vs L-Avukat Ġenerali et*** (appellata)

[8] *Vide* ad ez **Avukat Dr Samuel Azzopardi vs L-Avukat Generali et -**PA (Kost) LSO - 4/7/2017).

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami** konsidrat li kif jirrizulta mit-trattazzjoni, r-rikorrent principalment jilmenta billi jghid li din il-Qorti rreferiet ghal fatt illi hu tenna li l-investigaturi tal-FBI hadmu mal-Avukat Martin Bajada bhala *semplici kongettura u ipotezijiet;* li skartat il-valur tal-provi dokumentarji bhala mhux sufficjenti ghall-prova tal-element ta' *prima facie* mehtieg ghall-hrug ta' provvediment *ad interim;* u li sahansitra kkonkludiet li "*n-ness vantat bejn il-motivazzjoni tat-talba u d-dokumenti prodotti tant hi mgebbda li hija nieqsa mis-serjeta' mitluba u mistennija fi proceduri bhal dawn."* Huwa sahaq li d-dokumenti li esebixxa ghall-fini tat-talba ghall-mizura *ad interim* huma l-istess dokumenti li esebixxa ghall-fini tat-talba fil-mertu, u li ghalhekk, *in visto* ta' dan il-pronuncjament, ir-rikorrent ghandu l-biza' li din il-Qorti gja tat il-gudizzju taghha fuq il-mertu.

Il-Qorti fliet ir-rikors imsemmi u s-siltiet iccitati u ma tistax taqbel mar-rikorrent li l-biza' tieghu hija sostanzjata minn ragunijiet oggettivament gustifikabbli. Huwa car li din il-Qorti indirizzat biss it-talba li kellha quddiemha fil-parametri taghha, fejn kellha taghmel analizi tal-elementi ta' raguni *prima facie* u irrimedjabbilita', abbazi tal-provi imressqa mir-rikorrent. Kif gie sottomess fit-trattazzjoni, kien ir-rikorrent li ghazel li jistrieh fuq id-digrieti biss u seta' jekk ried, gab provi ohra biex isostni li t-talba kienet *prima facie* gustifikata.

Illi din il-Qorti tosserva li r-rikorrent kien ferm selettiv fil-brani li ccita billi harighom il-barra mill-kuntest taghhom.

Bhala l-ewwel konsiderazzjoni fid-digriet insibu:

"*Illi r-rikors odjern huwa wiehed ghall-interim measure, u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-mertu tal-kawza. Effettivament, dak li jigi deciz fuq it-talba ghall-mizura ad interim ma jirriflettix fuq il-konkluzjoni ahharija li din il-Qorti ghandha tasal ghaliha wara approfondiment tal-*

*mertu tal-kawza. Jekk it-talba ghall-mizura tigi milqugha b'dan ma jfissirx li r-rikorrent ser jirnexxi fit-talbiet tieghu fir-rikors promotur, u vice versa."*

Inoltre kienet cara li kull ma kellha quddiemha ghall-analizi tat-talba kienu d-dokumenti esebiti ta' digrieti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u l-interpretazzjoni tar-rikorrent, li, fil-fehma taghha, ma ssoddisfawx l-element ta' *prima facie* rikjest bil-ligi tenut anke fil-kuntest tan-natura eccezzjonali tal-proceduri kostituzzjonali.

Il-Qorti osservat li l-pern tat-tezi tar-rikorrent jistrieh fuq percezzjoni, <u>sa issa</u> mhux konkretizzata <u>b'fatti ppruvati</u> f'dan <u>l-istadju bikri</u> tal-proceduri (enfasi ta' din il-Qorti) fejn allura, ghamlitha cara li dak li kien qed jigi ritenut kien limitat ghal dak l-istadju inizjali tal-proceduri u fil-kuntest ristrett tat-talba partikolari.

Inoltre dak li sabet odjuz din il-Qorti ma kienx il-fatt li r-rikorrent gab a konjizzjoni taghha li kien hemm xhieda ohra li kellhom jixhdu fil-kumpilazzjoni, imma, l-argument tar-rikorrent li ghalhekk ma kienx hemm riskju li jwaqqaf il-kumilazzjoni. Il-kliem precizi taghha kienu jirrigwardaw l-apprezzament taghha li r-rikorrent donnu kien qed jistieden lil din il-Qorti biex  tezercita d-diskrezzjoni taghha b'leggerezza minnflok abbazi tal-principji guridici enuncjati - stedina li hi gustament sabitha odjuza. Infatti insibu wkoll fid-digriet enuncjat hekk:

"*Hekk jitlob is-serjeta' tal-process gudizzjarju u certament din il-Qorti mhix ser tghaddi biex tintralcja jew ixxekkel il-prosegwiment seren tal-inkjesta magisterjali ad interim jekk ma jezistux l-estremi rikjesti."*

Ir-rikorrent ilmenta li din il-Qorti *"marret sa l-estrem li tghid li t-talba tieghu hija fiergha u vessatorja ghaliex qalet li 'jidrilha li n-ness vantat bejn il-motivazzjoni tat-talba u d-dokumenti prodotti tant hi mgebbda li hija nieqsa mis-serjeta' mitluba u mistennija fi proceduri bhal dawn'."*

Aparti li huwa fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti li tqis li talba simili kienet wahda fiergha u vessatorja, huwa manifest li l-konkluzjoni ta' din il-Qorti kienet marbuta biss mat-talba, kif ifformulata, ghall-mizura *ad interim* u n-nuqqas tar-rikorrent li jssostanzja dik it-talba sal-grad mehtieg bil-ligi.

Ikkonsidrat, inoltre li l-kliem fl-istess provvediment li issa wassal lir-rikorrent iressaq it-talba bl-eċċezzjoni tar-rikuża jagħmel parti mill-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet biex tqis jekk kellhiex jew le tilqa' t-talba għall-għoti tar-rimedju provviżorju mitlub. Kienu konsiderazzjonijiet li saru biex bihom il-Qorti setgħet tqis il-kwestjoni tal-ħtieġa u tal-irrimedjabilita' tal-provvediment mitlub. Li kieku dawk il-konsiderazzjonijiet ma ssemmewx, kienu x'aktarx joħolqu lment min-naħa tar-rikorrenti li l-Qorti tat id-deċiżjoni tagħha bla ma semmiet għaliex waslet f'dik il-fehma.[9]

Ikkonsidrat li din il-Qorti ma hadet l-ebda posizzjoni fuq il-mertu tal-kaz, fejn it-talbiet huma distinti mit-talba ghall-hrug ta' *interim measure,* billi jikkoncernaw l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali wara s-smigh tal-provi kollha. L-istess difensur tar-rikorrent afferma li d-digrieti esebiti ma jirraprezentawx il-provi kollha li ghandu x'iressaq u allura din il-Qorti ser ikollha quddiemha provi ohra flimkien mal-provi dokumentarji sabiex tkun tista' tasal ghad-decizjoni finali taghha. Tinnota li l-provi ghadhom lanqas bdew jinstemghu fil-kawza u ghalhekk *multo magis* ma jistax jinghad li d-digriet taghha kien ibbazat gja fuq provi imressqa fil-mertu tal-kaz jew li jista' jinghad li pregudikat il-gudizzju fil-mertu. Anzi kif ifformulat, id-digriet jaghmilha cara li mhuwiex ser jimpingi fuq il-gudizzju finali ta' din il-Qorti.

Ghar-ragunijet premessi, din il-Qorti ssib li ma jezistux l-estremi rikjesti mil-ligi, kemm mill-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12 kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza abbraccjata mill-Qrati taghna u mill-Qorti Ewropea rigwardanti t-test oggettiv .

---

[9] Ara f'dan is-sens **Rosette Thake et noe et v On. Prim Ministru et** (PA (JRM) - Kost.4 ta' Awwissu 2016)

Ghaldaqstant tichad it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2018**